# MIKIEL ANTON VASSALLI

(*Jorbot mal-Għadd ta' Diċembru paġ.* 132)

Il-ħrara l-kbira ta' Vassalli kienet li jistampa x-xogħlijiet li kien lesta sa dak iż-żmien: id-dizzjunarju, il-grammatka l-ġdida maltija u l-Qwiel, u għalhekk ħabrek kemm sata' biex qabel l-istampa tal-Vanġelji jikseb minn għand Jowett il-mezzi sabiex jew fl-istamperija tal-"Missionary Society" jew bil-għajnuna ta' flus minn għand dawna jkun jista' jaqta' xewqtu. L-ewwel ma ħaseb għat-tipi ġodda maltin skond dawk ta' l-alfabet li fassal fil-grammatka l-ġdida. Għalhekk, kif jidher, it-tipi l-ġodda li ħtiġulu, bejn kbar u żgħar, kienu mas-sittax.

F'Awissu tal-1825 hu kien ta l-aħħar daqqtejn ta' pinna fil-grammatka maltija, u beda jgħin lil Jowett fil-għażla ta' Parabbli, Mirakli, Taħdidiet ta' Sidna Ġesù Kristu, biex jinkitbu bil-Malti għal xi kotba ta' tagħlim.

Vassalli xtaq jistampa l-kotba tiegħu b'tipi *pica* kbar, iżda qatgħulu qalbu mħabba l-ispiża kbira li kienet tidħol u għalhekk mejjel rasu biex jistampahom bit-tipi *pica* żgħar. Iżda, miskin, baqa' jittallab għalxejn u x-xewqa tiegħu dam żmien ma qatagħha. Xi disa' xhur wara, jiġifieri fit-18 ta' April tal-1826, Susan Frere, oħt John Hookham Frere, li kienet qiegħda ma' ħuha hawn Malta, kitbet ittra lil ħuha l-ieħor Dr. William Frere, Surmast f'Downing College, Cambridge, fejn qaltlu: "Hija (J. H. Frere li kien wasal wasla sa l-Ingilterra jżur lil niesu) semmieli li tkellem miegħek fuq l-istampa ta' *Grammatka Maltija u Dizzjunarju*, eċċ. xogħol ta' bniedem fqir jismu Vassalli. Huwa bniedem ħaddiem għall-aħħar u jiena naħseb li kuntent jibqa' bil-ġuħ basta jasal fil-ħsieb tiegħu, jiġifieri illi jippublika dawn il-ħwejjeġ. Huwa diġà nofsu bil-ġuħ." (1)

Fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 791 tal-10 ta' Mejju, 1826, max-xahar wara l-ittra ta' Susan Frere, fil-paġna 136, deher avviż bl-Ingliż taħt ir-ras "Maltese Language" li kien igħid hekk: "Billi jinħtieġu xi kopji tal-Grammatka u Dizzjunarju stampati fl-1791, u l-Awtur ma jistax jippublika l-manuskritti tiegħu ġodda tad-Dizzjunarju u tal-Grammatka Maltija

(1) Bit-tħabrik tal-ħabib tiegħi, ir-Reverendu C. L. Dessoulavy Ph.D., wieħed mill-pro-neputijiet ta' J. H. Frere, Mr. Arthur H. Frere, (il-lum mejjet) li kien igħix Londra, għoġbu jibgħatli, minn fost il-ħafna ittri li kellu ta' Susan Frere, kopja ta' bċejjeċ minn ittri miktubin minn din lil ħuha Dr. William Frere (Cambridge) dwar l-istampa tal-Grammatka u Dizzjunarju ta' Vassalli.

(miktuba bit-Taljan) imħabba li ma hawx tipi skond ma jitlob il-lsien Malti, huwa ġie mitlub li jbigħ kopji tal-manuskritti meħtiġin minn xi nies.

Huwa jixtieq jiftiehem fuq din it-talba li saritlu, bil-patt illi jkollu numru ta' abbonati biżżejjed li fuqu jista' jorbot u jagħmillu tajjeb. B'hekk il-prezz tal-kopji, barra mix-xogħol tal-kupjar li jitħallas għalih, ikun inqas, imdaqqas ma' dak ta' l-abbonament. L-ismijiet u l-ordnijiet ta' nies li jixtiequ minn dawn il-kopji jistgħu jingħataw fi Piazza S. Giorgio, fil-Ħanut tal-Kafè ta' Giuseppe Micallef."

Billi dak iż-żmien ma kienx hawn gazzetti oħra ħlief tal-Gvern, min kien irid igħarraf lill-pubbliku b'xi ħaġa li tinteressah fil-kummerċ, jew f'xi impriża jew ħwejjeġ oħra, kien jinqeda b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Milli jidher Vassalli kien qata' qalbu li jara x-xogħlijiet tiegħu stampati bħalma xtaq u għalhekk għamel il-ħsieb li ibigħ kopji tal-manuskritti tiegħu. Jekk seħħx dan il-ħsieb, jew, aħjar, jekk sabx min jixtri dawn il-kopji jew jabbona fihom aħna ma nafux.

F'Marzu tal-1827, meta ħuha John H. Frere, kien raġa' lejn Malta, Susan Frere, illi milli jidher kienet interessat ruħha mhux ftit fil-biċċa ta' Vassalli, kienet reġgħet kitbet lil ħuha l-ieħor Dr. William Frere, f'Cambridge, u fi ftit kliem fissritlu "illi ħuha (John Hookham Frere) kien ra lil Vassalli u kellmu, li iktarx kienet se ssir ġabra sabiex jinġabru biċċa mill-ispejjeż meħtieġa għall-istampa tax-xogħlijiet ta' Vassalli, iżda, għarrfitu, illi x-xogħol ta' l-istampa bilkemm jista' jsir l-Ingilterra mħabba li, skond ma jaħseb ħuha, ikun hemm bżonn li Vassalli jkun fil-qabda għat-tiswijiet tal-provi ta' l-istampa, u li, għalhekk, jaqbel li l-manuskritti ta' Vassalli jiġu stampati fi stamperija hawn Malta, wara li jittieħed il-permess meħtieġ minn għand l-awtoritajjiet." Minn dan jidher illi sa Marzu tal-1827 Vassalli kien baqa' jaħdem biex joħroġ stampati l-Grammatka Maltija u d-Dizzjunarju Taljan-Malti, u kien hemm il-ħsieb illi bil-għajnuna ta' Frere u oħrajn li għożżew ix-xogħlijiet tiegħu, l-istampa tagħhom issir l-Ingilterra, iktarx Cambridge, iżda bħalma fissret oħt Hookham Frere, beqgħet li kellha ssir hawn Malta.

Fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 868 tat-8 ta' Ottubru, 1927 paġ: 251 deher avviż bl-Ingliż taħt ir-ras "Maltese Grammar" li jgħarraf illi "il-Grammatka Maltija tas-Sur Vassalli, li ilha daqshekk mistennija, miktuba bit-Taljan u stampata b'tipi ġodda Ingliżi qiegħda għall-bejgħ fil-ħanut ta' Anġlu Calleja

Nru. 34 Strada Tesoreria u għand is-Sinjura Kilburn Nru 271 Strada Reale, il-Belt. Il-ktieb jinbiegħ tmintax irbigħi."

Minn dan jidher biċ-ċar illi din il-grammatka ġiet fl-aħħar stampata hawn Malta b'tipi ġodda ġewwa Stamperija Ingliża u li l-istampa tagħha tlestiet għal ħabta tal-bidu ta' Ottubru jew fl-aħħar ta' Settembru, 1827.

Fis-16 ta' Novembru ta' l-istess sena, ir-Reverendu W. Jowett kien bagħat Londra kopji ta' din il-Grammatka biex jinbiegħu għand l-aqwa librari u minnhom jinbagħtu 10 f'Oxford, 10 f'Cambridge, 10 f'Edinburgu jew Dublinu u l-bqija għand Librari Stranġieri f'Londra stess. Dawn kellhom jinbiegħu bi prezz tajjeb akkont ta' Vassalli stess (1).

Mill-erba' kelmiet ta' qabel li kiteb Vassalli fil-bidu ta' din il-biċċa xogħol (paġna VII) jidher illi fis-sajf ta' dik is-Sena (Lulju 1827) lil Vassalli kienet ġratlu xi ħaġa, x'inhi ma nafux, imma iktarx xi ħass ħażin li ġagħlitu jieqaf mix-xogħol ta' grammatka, jew ingħidu aħjar, ma ħallitux jissokta u jwettaq il-ħsieb li kellu li jżid ma' din il-grammatka studju tax-xebh ta' bejn l-Għarbi tas-sitt seklu tal-Hiġra (1200) u l-Malti, u bejn l-ilħna ta' l-ittri u morfoloġija taż-żewġt ilsna.

J. Hookham Frere kien qiegħed iħabrek biex il-Vanġelji u l-Atti maqlubin bil-Malti minn Vassalli jiġu stampati f'Cambridge. Barra minn dan, bil-leħħa tiegħu, kien ġagħal il-Gvernatur Ponsonby jieħu interess fil-lsien Malti u jmexxih il quddiem, u b'riħtu wkoll kien qiegħed jitrabba u jitwettaq il-ħsieb li jinġiebu minn Cambridge t-tipi Maltin għall-Gvern biex dan ikun jista' jistampa bil-Malti fuq it-tipi tal-grammatka ta' Vassalli.

Din kienet il-ħabta li fiha Vassalli, kien kollu kemm hu midhi biex itemm it-traduzzjoni tal-Vanġelji. Ir-Reverendu Jowett, mill-banda l-oħra, kien beda jieħu l-ħsieb biex jibda jistampahom. Fi Frar tal-1828 hu kien bagħat Londra lis-Segretarji taċ-"Church Missionary Society" l-ewwel 32 paġna tal-Vanġelji, jiġifieri ta' S. Mattew; u wara ftit taż-żmien kien wiegħed li jibgħat il-bqija ta' dan il-Vanġelju u biċċa minn San Mark. Wara xahar, fit-13 ta' Marzu, kien għarraf illi l-istampa tal-Vanġelji u ta' l-Atti ta' l-Appostli mhix se ssir f'Cambridge u, għalhekk, bħalma xtaqet is-Società Missjonarja tal-Knisja Ingliża, il-ħsieb u x-xogħol ta' l-istampa tagħhom baqgħet f'idejha. Sa għeluq Marzu 1828 jidher li din kellha f'idejha l-ewwel 13-il-kapitlu ta' San Mattew. Dawn

(1) Milli jidher b'kollox ħarġu stampati 700 ktieb ta' din il-grammatka, id-daqs ta "ottavo" b'147 faċċata l-wieħed.

kellhom jiġu stampati f'*kolonna għalihom, mingħajr il-Latin, bil-karattru Malti*: l-istampa ssir għand R. Watts ta' Londra u dana jaħseb hu stess għat-tipi meħtieġa. Sar ftehim sabiex il-provi ta' l-istampa l-ewwel ma jagħtihom daqqa ta' għajn il-Professur Lee, (1) imbagħad jinbagħtu Malta biex jarġa' jarahom Vassalli stess. Billi hawnhekk Malta ma kinux jistgħu jistampaw ruħhom kotba tal-knisja protestanti, l-istampa ta' dawn il-Vanġelji kellha ssir barra minn Malta u b'hekk, imħabba din il-biċċa xogħol ta' tiswija ta' provi bi vjaġġar ta' ittri, u d-dewmien sakemm jaslu, il-Vanġelji u l-Atti qajla setgħu joħorġu minnufih, iżda, bdankollu, sena wara, Watts kien stampahom, b'riħet it-tħabrik u l-ħidma ta' Jowett u Vassalli. Kien għal din il-ħabta wkoll illi kien ittieħed permess minn għand il-Gvern sabiex jiġu stampati il-*Proverbji Maltin* ta' Vassalli. Dan kien għal ħabta sewwa ta' Marzu, 1828. Dan id-daqsxejn ta' ktieb kellu jkun lest mill-istampa f'sitt ġimgħat żmien. L-ittra ta' Vassalli lil l-Onorabbli John Hookham Frere miġjuba fil-bidu ta' dan il-ktejjeb iġġib id-data tat-28 ta' April, 1828; iżda l-ktejjeb jidher li ma ħariġx qabel nofs Mejju. Fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 901 tal-21 ta' Mejju, 1828, paġna 167 insibu taħt ir-ras "Opuscolo Nuovo" avviż bit-taljan fuq il-ħarġa ta' dawn il-Proverbji li jgħid :— Għand il-Librari Calleja, Anġlu, taħt il-Loġoġ Nru. 34 u Franġisku ħdejn il-Banco Anglo-Maltese Nru. VII. hemm għal bejgħ il-Ġabra ta' *Qwiel u Proverbji* Maltin. (863 wieħed) miġburin u mfissrin b'noti u stampati minn M.A. Vassalli.—Il-ktieb jinbiegħ 12 irbigħi."

Wara Marzu tal-1828, ir-Reverendu Jowett telaq lejn l-Ingilterra u minn ittra tiegħu miktuba minn Islington bid-data tat-2 ta' Ġunju 1828 lis-Segretarji taċ-"Church Missionary Society," jidher li miegħu kien ħa l-manuskritti tat-traduzzjoni Maltija tal-Vanġelji, u kellu l-aħbar minn għand l-istampatur Watts illi t-tipi maltin meħtieġa għall-istampa tagħhom setgħu jinkisbu mingħajr telf ta' żmien. Talab, għalhekk, il-permess tal-Kumitat tax-Xirka sabiex tinbeda l-istampa ta' l-Erba' Vanġelji u ta' l-Atti ta' l-Appostli bil-Malti, u li dan ix-xogħol jinbeda *mingħajr dewmien*, għaliex, waqt li ssir l-istampa tagħhom, kien ikun meħtieġ jinħela xi ftit taż-żmien biex jinqraw il-provi ta' l-istampa li milli jidher kellhom jinbagħtu Malta lir-Reverendu Schlienz sabiex dan jarahom u jiflihom flimkien mat-Traduttur Vassalli.

(1) Ir-Reverendu S. Lee, B. D. kien professur tal-Lhudi fl-Università ta' Cambridge u kiteb Grammatka tal-Lhudi (*Grammar of the Hebrew Language*). It-tieni edizzjoni ġġib id-data 1832.

Jowett kien xtaq illi l-istampa tal-Vanġelji bil-Malti ssir mill-"British & Foreign Bible Society", waħda mix-Xirkiet Reliġjużi li għandha l-aqwa ġabra tal-Bibbji kollha tad-dinja, iżda, imħabba illi l-lsien Malti ma kienx għadu mħarreġ biż-żejjed bħala lsien miktub, ma deherlux li kien wasal iż-żmien li dan il-ħsieb iwettqu; izda baqa' bit-tama illi maż-żmien din ix-Xirka tilqa' t-traduzzjoni Maltija tal-Bibbja ma' l-oħrajn ta' ilsna oħra u tieħu f'idejha x-xogħol ta'kull pubblikazzjoni ġdida tagħha. Schlienz kien qagħad flok Jowett u ħa f'idejh ix-xogħol kollu tal-propaganda fil-Mediterran, kif ukoll ta' l-istampa u pubblikazzjonijiet tal-kotba tax-Xirka. Għalhekk Vassalli kien midħla tiegħu u kien jeħodlu x-xogħol tat-traduzzjonijiet tal-Bibbja, u miegħu jitkellem fuq kull tiswija meħtieġa fil-provi.

Għal ħabta ta' nofs Mejju, 1828, Vassalli qabdu rewmatiżmu qawwi u għalhekk naqqas xi ftit miż-żjajjar li kien jagħmel lil Schlienz. Huwa kien imur għand Schlienz erba' darbiet fil-ġimgħa, iżda l-uġigħ ġieli żammu 'l hawn u 'l hinn. Wara xahar (nofs Ġunju 1828) fil-laqgħat li kellu ma' Schlienz. Vassalli kien jieħu miegħu l-provi ta' l-istampa tal-Proverbji u joqgħod jaqrahom u jsewwihom flimkien ma' Schlienz. Dawk il-ġranet kien ħadlu wkoll it-traduzzjoni kollha tal-Vanġelju ta' San Luqa. Schlienz meta ra li Vassalli kien qiegħed ibati biex dana jasallu l-belt fid-Dar tax-Xirka fejn kienu jiltaqgħu, għamel f'rasu illi jibda jmur hu stess id-dar tiegħu, erba' darbiet fil-ġimgħa fil-għodu kmieni. Vassalli kien joqgħod il-Pietà. F'Lulju tal-1828 Vassalli kien għoddu spiċċa mit-traduzzjoni tal-Vanġelju ta' San Ġwann, u sadattant Schlienz raġa' tah l-ewwel biċċa tal-Vanġelju ta' San Luqa sabiex iqabbad lil xi ħadd jikkopjaha qabel ma jsifruha l-Ingilterra, u b'hekk, jekk tintilef fil-vjaġġ ikollhom oħra. Jidher, illi kull biċċa, traduzzjoni li kienet tinbagħat l-Ingilterra għal l-istampa beqgħet tinżamm kopja tagħha hawn Malta. Kull biċċa xogħol ta' traduzzjoni li kienet issir minn Vassalli kien jarġa' jdurha Schlienz, għaliex il-moħħ ta' l-imsejken Vassalli beda jgħeja u ġie li kien nieqes minn dik ir-reqqa u deheu ta' dari fix-xogħol tiegħu. Is-saħħa ta' Vassalli kienet għoksot u ħiltu tgħaxxet għall-aħħar. Riġlejh ukoll kienu ntefħulu ħafna u mid-dar ma satax jiċċaqlaq. B'dana kollu huwa baqa' jaħdem, u Schlienz, li kien bi ħsiebu jqabbdu xi xogħol ieħor barra dak li kellu f'idejh, meta rah f'dak l-istat, ħallieh jaħdem bis-sabar kollu sabiex jispiċċa t-traduzzjoni tal-Vanġelji u l-Atti ta' l-Appostli. Hu kien bi ħsiebu, wara s-sħana tas-sajf, kemm-il-darba Vassalli jarġa' jieħu r-ruħ, iħajru jistampa xi Djalogi Maltin illi milli jidher Vas-

salli kien diġà ħadem. Dik il-ħabta Canolo kien qiegħed ukoll jaqleb għal Malti l-"Profeti".

Il-Bibljotekarju (Bellanti) tal-Bibljoteka tal-Gvern kien dik il-ħabta bagħat lil Schlienz biex jistampahielu l-ewwel taqsima ta' Grammatka Għarbija-Maltija li kien għamel, iżda għalkemm, skond ma deherlu Schlienz, kienet biċċa xogħol iktarx tajba, billi l-istamperija tax-Xirka Missjunarja (C.M.S.) kienet imgħobbija bix-xogħol, din il-grammatka beqgħet ma stampatx ruħha (1).

Fl-aħħar ta' Lulju, Vassalli kien qabad fl-Atti ta' l-Appostli; u wara li jlesti xi biċċa minnhom u jaraha flimkien ma' Schlienz, kien jarġa' jagħmel kopji tagħha u ta' dan il-kupjar kien jitħallas barrani.

Minn Awissu tal-1828 sal-bidu ta' Jannar, 1829, ix-xogħol tat-traduzzjoni ta' l-Atti ta' l-Appostli u t-tiswijiet tal-provi ta' l-istampa tal-Vanġelji jidher li baqa' miexi. Fil-bidu tas-sena 1829 Vassalli ma tjieb b'xejn f'saħħtu; u baqa' la 'l hawn u lanqas 'l hinn; iktarx għal l-agħar milli għal l-aħjar. Kien sar xi ħsieb min-naħa ta' Jowett, li kien għadu l-Ingilterra midhi bix-xogħol ta' l-istampa tal-Vanġelji bil-Malti, sabiex il-provi ta' l-istampa ma jinbagħtux Malta għand Vassalli jarahom hu stess biex ma jintilefx żmien, iżda Vassalli ma riedx li jsir hekk, mhux għax, kif fisser ruħu f'ittra Schlienz lix-Xirka tal-Knisja Ingliża, lil Vassalli ma kinux jogħġbuh it-tiswijiet li jagħmel Jowett fl-istampa, iżda għaliex xtaq illi l-kitba tiegħu jaraha u jsewwiha hu. Sew sew għal ħabta ta' l-ewwel tas-sena 1829, Vassalli kien temm ix-xogħol tat-traduzzjoni ta' l-Atti ta' l-Appostli u Schlienz ħajru jaqbad jarġa' jifli t-traduzzjoni ta' l-Ittra lir-Rumani li kien qaleb għall-Malti xi żmien qabel, iżda, Vassalli, ma ħassx ruħu li għandu l-ħila jidħol għal din il-biċċa xogħol, għaliex milli jidher, magħfus mill-marda li kellu fuqu, moħħu ma kienx jiflaħ jaħdem. Hu qal illi din l-Ittra kien qalibha għall-Malti bla ma fettex reqqa, billi dak iż-żmien ma kellu ebda għajnuna ta' dawl minn kotba jew mezzi oħra, ukoll il-għaliex Jowett kien imsiefer meta huwa kien għamel din il-biċċa xogħol. Iżda l-aqwa raġuni kienet illi l-bniedem ħass ruħu nieqes għal kollox minn saħħtu u l-mewt riesqa fuqu.

Hu għad kellu f'idejh il-provi ta' l-istampa tal-Vanġelji jew ta' l-Atti li kellhom jinbagħtu Londra meta fil-5 ta' fil-għodu tat-12 ta' Jannar, 1829 Vassalli għalaq għajnejh għal dejjem f'għomor ta' dwar 65 sena. Milli jidher sakemm miet l-imsejken ta' Vassalli ġarrab it-tbatija kollha tal-

(1) Jingħad li din il-grammatka kienet waqgħet f'idejn wieħed mill-werrieta, is-Sur Pawl Bellanti.

marda li biha kien ilu jbati mis-sajf ta' qabel, u din kienet il-kankrena li fl-aħħar kellha teqirdu. Din il-marda tal-biża', li kienet theddu bil-mewt, fl-aħħar missitlu qalbu u b'hekk temmitlu saħħtu. Tlitt ijiem qabel ma miet, Vassalli kien mar għand Schlienz fejn qallu illi t-tabib kien tah parir ibiddel l-arja u għalhekk kien diġà ħaseb biex imur joqgħod f'dar oħra l-kampanja. Schlienz ma ħasibx li Vassalli kien wasal fi stat hekk tal-biża', għaliex, kif kiteb lil tax-Xirka, Londra, kien kieku jwissih biex jitkellem ma' tabib ieħor. Wara mewtu mar jagħmel żjara lill-imsejkna familja tiegħu u sabhom li tassew kienu fi dwejjaq l-iktar kbar. Kien hemm oħt il-mejjet Vassalli li milli jidher kienet madwaru, barra minn tlitt itfal u ommhom.

Vassalli kien fqir għall-aħħar u lill-familja tiegħu ma kien ħallielha xejn lanqas ħaqq kemm tħallas il-funeral u d-difna. Imħabba f'hekk u mħabba wkoll il-faqar u għaks li fih kienet tinsab il-familja tal-mejjet, Schlienz u ħbiebu tax-Xirka ndaħlu sabiex skond ma kien xieraq jaħsbu għad-difna tal-katavru ta' Vassalli. Hawnhekk inqala' ftit tal-għawġ. Id-difna tal-mejjet Vassalli kellha ssir fil-knisja kattolika, iżda milli jidher, il-Kurat ma deherlux li sata' jilqa' l-katavru fil-knisja u ried jidfnu fost dawk illi jmutu mbegħdin mill-ħdan tal-Knisja għaliex ikunu naqsu mit-twettiq ta' xi sagramenti. Hemm min għadu jaħseb illi Vassalli kien ċaħad ir-Reliġjon Kattolika Rumana li fiha twieled u trabba u li kien qaleb u ħaddan ir-Reliġjon Protestanti, iżda l-lum nistgħu ngħidu li dana mhu minnu xejn u stqarru Schlienz stess f'ittra li kien kiteb lix-Xirka tas-Società Missjonarja Protestanti ftit ġranet wara l-mewt ta' Vassalli fejn qal dan il-kliem : "Billi is-Sur Vassalli qatt ma stqarr li hu protestant aħna ridna nidfnuh f'post tad-dfin ta' l-Insara Kattoliċi". L-istat ċivili ta' Vassalli ma jidhirx li kien imwettaq b'dokumenti mgħoddijin mill-Awtorità tal-Knisja Kattolika u lanqas ta' ebda Knisja oħra, u r-rabta tiegħu ma' omm it-tlitt itfal li kellu ma jidhirx li kienet magħrufa mill-Kurja ta' Malta u għalhekk il-Kurat kellu, skond il-liġi tal-Knisja, jiċħadlu d-difna, ġewwa il-Knisja, għalkemm il-Pulizija kienet diġà ħarġet il-permess tad-dfin. Schlienz u xi ħbieb oħra ta' Vassalli ma xtaqux illi l-katavru tiegħu jindifen f'post imwarrab li, kif dehrilhom ma kienx jixraqlu u, għalhekk, bil-kunsens ta' oħt il-mejjet (Marċella) u ta' omm it-tfal, ħadu ħsiebu huma, u talbu lill-Gvern sabiex jidfnuh f'post xieraq barra mill-knisja jew art għad-dfin taħt il-ġurisdizzjoni tal-knisja kattolika. Fejn indifen Vassalli ma nafux sewwa, għax s'issa ebda tifkira bil-miktub fuq karta jew ġebla għadha ma nsabet li turina l-qabar tiegħu.

Iżda mid-dokumenti li għandna f'idejna hija ħaġa ċara illi d-difna tiegħu saret f'xi banda jew oħra ta' wieħed miċ-ċimieri-jiet ta' l-Ingliżi li jaħbtu taħt it-trunċieri tal-Furjana li jħarsu faċċata ta' Lazzarett fix-xaqliba tal-Port ta' Marsamxett li tagħmel mal-plajja ta' San Rokku,

*(Jissokta)* A. C.